**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 31/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 06/05/'10** **260**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 06/05/'10** **314**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u skrivana.

1.04 Skuzati: Il-Kunsilliera Karl Gouder u Edgar Montanaro.

1.05 Kien preżenti ukoll l-Accountant tal-Kunsill.

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-29 t'April 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Rapport Annwali Amministrattiv
3. Korrispondenza
4. Bye Laws - Ġbir ta' skart minn fondi kummerċjali
5. Skema - ERDF
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

1.2.02 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jifraħ lill-Viċi-Sindku, Karl Gouder għall-kariga l-ġdida tiegħu bħala Membru Parlamentari. Hu informa lill-Kunsill illi ser isir avviż fi tlett gazzetti (The Sunday Times, it-Torċa u l-Mument) bħala apprezzament għax-xogħol siewi li wettaq b'dedikazzjoni u jingħata l-awguri għal kull success fil-kariga gdida tiegħu.

1.2.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 30/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 30/K6/10.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 3 qabel item 2.

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Korrispondenza**

3.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

Rif. Nru. Korrispondenza

| | |
|---|---|
| 1572,1664 | Ittra uffiċjali mill-Kunsill Lokali San Ġiljan lil Schranz Ltd., flimkien ma' e-mail mingħand Schranz Ltd. rigward il-*platform* fi Triq ir-Rampa. |
| 1722,1960, K0454 | Ittri uffiċjali mingħand BBR Construction Ltd. rigward il-*platform* fi Triq ir-Rampa. |
| 1578,K0394 | Memo 51/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, rigward il-*WiFi Access Points* fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex u Servizz ta' *WiFi* ġewwa l-Kunsill. |
| 1606 | Ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward il-proġett ta' l-iskola ta' l-għawn u *waterpolo.* |
| 1607 | Ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward it-*tournament* internazzjonali tal-*waterpolo*. |
| 1669 | E-mail mingħand il-Peak Insurance Brokers Ltd. rigward l-*insurance* tal-Kunsill. |
| 1806 | E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Patt tas-Sindki. |
| 1590, 1915 | E-mail minghand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Patt tas-Sindki u l-*bookings* tal-ajru u l-lukanda għaċ-Ċerimonja tal-*Covenant of Mayors* fi Brussels. |
| 2014 | Ittra mingħand il-MEPA rigward il-pagament mill-iSkema tal-Urban Improvement Fund, għal Triq Sant'Elija u Ġnien Saver Zarb. |
| 2021,K0461 | E-mail mingħand l-Employment & Training Corporation rigward l-iSkema: Xogħol fil-Komunita'. |
| 2052 | Ittra mingħand is-Sur Mariano Bonello rigward it-tberik ta' l-annimali 2010 fil-ġranet tal-Festa ta' San Ġiljan. |
| 1656,2102 2103 | Memo 52/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, rigward – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet *lifelong learning*. |

2189,K0546 Email rigward Memo 12/2010 – Għajnuna għat-Tħawwil ta' Sigar.

2363 Ittra mingħand l-Għaqda Piroteknika rigward it-tournament tal-futbol fil-5-a-side pitch f'Ta' Giorni.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 1572, 1664, 1722 u 1960

3.02 Saret riferenza għall-ittra uffiċjali mill-Kunsill Lokali San Ġiljan lil Schranz Ltd. rigward il-*platform* fi Triq ir-Rampa. Ġie deċiż unanimament illi din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra meta jkun preżenti l-Kunsillier Edgar Montanaro peress li din l-*issue* kien qiegħed jieħu ħsiebha hu.

Rif. Nru. 1578

3.03 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, rigward il-*WiFi Access Points* fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex u Servizz ta' *WiFi* ġewwa l-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat illi saret applikazzjoni sabiex jiwaħħlu *WiFi Access Points* fil-Pjazza tal-Balluta u n-naħa tal-*area* ta' Bay Street Complex. Wara diskussjoni qasir ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jinkludi Pjazza Spinola bħala *WiFi Access Points.*

3.04 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jiġġedded is-servizz ta' *WiFi* ġewwa l-Kunsill.

Rif. Nru. 1606 u 1607

3.05 Saret riferenza għall-email mingħand is-San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward il-proġett ta' l-iskola ta' l-għawn u *waterpolo* u għat-*tournament* internazzjonali tal-*waterpolo*. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipprovdi servizz għat-tagħlim ta' l-għawn u waterpolo, kif ukoll jorganizza tournament, b'kollaborazzjoni ma' San Ġiljan Aquatic Sports Club. Għal dawn iż- żewg attivitajiet ser jigu allokati €2,000 bħala parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 1590, 1806 u 1915

3.06 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Patt tas-Sindki. Il-Kunsill ġie nfurmat illi bejn it-3 u l-4 ta' Mejju 2010, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għaċ-Ċerimonja tal-Covenant of Mayors ġewwa Brussels. Dan għas-spejjez tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sabiex jiġi ssiġillat il-Patt tas-Sindki jrid isir rapport tas-SEAP (*Sustainable Engery Action Plan*) u għalhekk hu ser jiċċekja x'għamel ħaddieħor dwar din il-materja.

Rif. Nru. 2014

3.07 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA rigward il-pagament mill-iSkema tal-Urban Improvement Fund, għat-Triq Sant'Elija u Ġnien Saver Zarb. Il-Kunsill ġie nfurmat illi mill-ammont li talab,(Ara Appendici 'A') ġew imnaqsa €8,844.54 bħala *professional fees*. Dan minħabba li l-Kunsill ġie nfurmat verbalment minn Ms Darmanin tal-MEPA li l-*professional fees* mhux koperti bil-kuntratt.

Rif. Nru. 2021

3.08 Saret riferenza għall-email mingħand l-ETC rigward l-Iskema **Xogħol fil-Komunita'**. Il-Kunsill ġie nfurmat illi s-Sur Gaetano Camilleri m'għadux jiġi għax-xogħol u għalhekk il-Kunsill talab li jingħata persuna oħra bil-liċenzja valida tas-sewqan u li lest li jsuq.

Rif. Nru. 2052

3.09 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Mariano Bonello rigward it-tberik ta' l-annimali 2010. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill itella' attivita' għat-tberik ta' l-annimali fit-8 ta' Awwissu 2010 b'kollaborazzjoni mas-Sur Bonello. Il-parteċipanti jingħataw trophy u l-ispiza ma taqbiezx dik tas-sena l-oħra.

Rif. Nru. 2189

3.10 B'riferenza għall-email rigward Memo 12/2010 – Għajnuna għat-tħawwil ta' Siġar, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill iħallas l-ammont ta' €501.00, bħala parti mill-ispiza. Dan sabiex jitħawlu 30 sigra.

3.11 L-*accountant* is-Sur Louis Padovani wasal fit-3.30pm.

Rif. Nru. 2363

3.12 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Piroteknika rigward it-*tournament* tal-futbol li ser jorganizza l-Kunsill b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda Piroteknika. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dan it-*tournament* jittella' nhar il-Ħadd 16 ta' Mejju 2010 fil-*5-a-side pitch* f'Ta' Giorni u jithallas l-ammont ta' €190 bħala parti mill-ispejjez.

## 2 Rapport Annwali Amministrattiv

2.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq ir-Rapport Amministrattiv għall-approvazzjoni (Ara Appendici ' B ').

2.02 L-Accountant tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

2.03 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tar-rapport annwali amministrattiv.

2.04 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondaha.

2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.06 Il-Kunsill irringrazzja lil-Accountant u lis-Segretarju Ezekuttiv għall-ħidma tagħhom.

2.07 Is-Sur Padovani ġie skużat fl-3.50pm.

## 4 Bye Laws

### Ġbir ta' skart minn fondi kummerċjali

4.01 Il-Kunsill iddiskuta d-draft tal-Bye Laws u rrefera għall-korrispondenza 2196/10 (Ara Appendiċi 'C') u ippropona li jiġu approvati.

4.02 Il-Kunsillier Ronald Aguis issekondah.

4.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.04 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill illi ntbaghtet kopja ta' dawn id-draft tal-Bye Laws, lill-Onor. Dr. Chris Said, lill-Onor. Mario De Marco u lil Dr. Chris Ciantar għall-kummenti tagħhom. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi:-

- peress li Dr. Chris Ciantar qiegħed fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u huwa l-persuna l-aktar intiża f'din il-materja, jintalab li jgħaddi lill-Kunsill l-aħħar zviluppi dwar xi emendi li seta' kien hemm fuq il-Bye Laws.

- il-Kunsill japprova unanimament l-emendi li jista jibgħat Dr. Ciantar sabiex jitkompla l-proċess biex tinħareġ il-Bye Laws.

## 5 Aġġornament Proġetti

### Fondi ERDF Priority Axis 2 – Product Development (Memo 11/2010)

5.01 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill illi ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-proġett ta' *Upgrading of Balluta Bay*, San Ġiljan nhar it-Tnejn 19 ta' April 2010. Peress li *dead lines* intlaħqu kollha, il-Kunsill ġie rifondut l-ammont ta' €800.00c li tħallas lill-MEUSAC bħala depożitu b'konessjoni mal-iSkema ta' l-ERDF.

## 6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' D ').

6.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2829 sa 2864 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' E ').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2829 sa 2864.

7.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Materji Oħra**

8.01 B'riferenza għas-simenta li hemm bejn il-pitch ta' San Ġiljan Waterpolo Club u n-Neptunes Waterpolo Club, ġie deċiż unanimament li:-

- Il-perit jiġi nfurmat sabiex issir applikazzjoni lill-MEPA biex isir taraġ u rampa bħala aċċess għall-pubbliku għal fuq is-simenta.
- Tintbaght ittra lil San Ġiljan Waterpolo Club u n-Neptunes Waterpolo Club sabiex l-aċċess għas-simenta min-naħa taz-zewġ pitches jitħalla miftuħ għall-pubbliku

8.02 Saret riferenza għat-tender għal ġbir ta' l-iskart li jagħlaq nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2010 fl-10.00 ta' filgħodu. Ġie deċiż unanimament illi fuq il-bord ta' *adjudication* min-naħa ta' San Ġiljan, ser ikun hemm il-Perit Stephen Farrugia bħala persuna teknika, is-Sindku s-Sur Peter Bonello u l-Kunsilliera Norman Vella u Richard Scicluna. Il-Kunsill ġie nfurmat illi min-naħa tal-Kunsill ta' Tas-Sliema għad trid tintbagħat l-informazzjoni.

Madankollu ġie deċiż unanimament illi jekk il-Kunsill ma jirċevix din l-informazzjoni jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-sitwazjoni.

8.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi twaħħlet in-*notice board* fuq iż-żuntier tal-Knisja Parrokjali. Ġie deċiż unanimament li jiġi avviċinat is-Sur John Agius, u jekk jaċċetta li jieħu ħsieb in-*notice board*, jingħata ċ-cavetta biex ipoġġi l-avvizi eċċ.

8.04 Il-Kunsill ma oġġezzjonax li l-Kunsillier Richard Scicluna jiltaqa' mal-Perit Stephen Farrugia.

8.05 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-kuntratt mal-Green MT ser jiġi ffirmat wara li jsiru l-emendi meħtieġa.

8.06 Ġie deċiz unanimament li:-

- B'riferenza għall-Minuti 30/K6/10 taqsima 4 paragrafu 4.11, il-Kunsill ser jidiskuti jekk għadx hemm il-bżonn li ssir il-laqgħa mal-MEPA, meta jkun preżent il-Kunsillier Edgar Montanaro, minħabba li hu qed jieħu ħsieb din il-materja.

- isir avviz bla ħlas fuq il-paġni tat-tagħrif ġenerali fuq il-gazzetti lokali, rigward it-35+ a new social club u jitwaħħal avviz fin-notice board ta' ħdejn il-knisja.

- isiru *double yellow lines* fi Triq San Gorg kantuniera ma' Triq Spinola u f'Telgħet Birkirkara kantuniera ma' Sqaq Ciantar.

- Tintbagħat ittra oħra lill-Foreign Affairs fejn tinġibed l-attenzjoni illi l-ħajt perikoluż li hemm ħdejn il-kulleġġ ta' l-Għarab f'Ta' Giorni għadu ma giex irranġat kollu.

8.07 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill illi:-

- Fil-5 ta' Mejju 2010 saret 'self funding activity'. Din kienet tikkonsisti minn żjara fil-Palazz tal-President il-Verdala u attendew 48 persuna.

- Is-‘self funding activity’ li jmiss ser tkun ħarġa għal Għawdex f’Ġunju.

8.08 Ġie deċiż unanimament li għal-laqgħa li jmiss jiġi mistieden l-Onor. Karl Gouder u li ssir bibita wara l-laqgħa bħala apprezzament.

8.09 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |